


News Releases

Home » It-Turiżmu 'l Barra minn Malta: It-Tieni Kwart tal-2023

Punti ewlenin | Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija

# It-Turiżmu 'l Barra minn Malta: It-Tieni Kwart tal-2023

NR 154/2023 Data tal-Ħruġ: 25 ta' Awwissu 2023

*Fit-tieni kwart tal-2023, it-turisti kollha li ħarġu 'l barra mill-pajjiż, li fil-fatt huma r-residenti Maltin li siefru, kienu stmati li jlaħqu 189,443, li juru żieda ta' 35.4 fil-mija fuq l-istess perjodu ta' sena qabel. L-iljieli kollha mqattgħin barra mill-pajjiż laħqu il-1,252,385.*




**April-Ġunju 2023**

Matul it-tliet xhur trattati f'din l-istqarrija, saru b'kollox 114,848 safra 'il barra mill-pajjiż għall-btala; warajhom kien hemm 46,973 safra li saru għal żjarat lill-ħbieb u l-qraba. Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (47.3 fil-mija), filwaqt li warajhom kien hemm dawk fil-kategorija ta' bejn il-45 u l-64 sena (29.6 fil-mija) (Tabella nru 1).

Kemm it-turisti li siefru biex imorru f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u kemm it-turisti l-oħra li telqu biex imorru f'pajjiżi oħra żdiedu b'37.7 fil-mija u b'27.9 fil-mija, rispettivament. L-Italja baqgħet il-pajjiż fejn l-aktar li jmorru n-nies minn Malta, b'persentaġġ ta' 39.9 fil-mija tas-safar kollu (Tabella nru 6).

L-iljieli kollha mqattgħin mit-turisti li siefru żdiedu b'31.2 fil-mija sabiex qabżu il-1.2 miljun lejl. L-akbar għadd ta' dawn l-iljieli (50.5 fil-mija) kienu mqattgħin f'akkomodazzjonijiet mingħajr kera (Tabella nru 3). Matul dan is-safar, it-turisti qagħdu medja ta' 6.6 ljieli.

Sena għal sena, fit-tieni kwart tal-2023 l-infiq kollu mit-turisti li ħarġu 'l barra mill-pajjiż żdied b'45.6 fil-mija u laħaq il-€165.6 miljun, li jiġi daqs medja ta' €874 kull persuna (Tabelli nri 4 u 5).

**Jannar-Ġunju 2023**

Sa nofs is-sena, is-safar kollu 'l barra minn Malta laħaq it-347,623 safra (Tabella 7), li huma żieda ta' 52.4 fil-mija meta mqabblin mal-istess perjodu fl-2022 (Tabella nru 7). L-iljieli mqattgħin minnhom telgħu b'45.1 fil-mija, u qabżu iż-2.3 miljun lejl (Tabella nru 9). Barra minn hekk, l-infiq kollu minfuq minnhom kien stmat li laħaq iż-€297.3 miljun, li jiġi 62.7 fil-mija aktar minn dak irreġistrat fl-istess perjodu ta' sena qabel (Tabella nru 10).

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta' turisti li siefru 'l barra minn Malta




## Ċart nru 2. It-tul medju taż-żjajjar bis-sena u t-tip ta' akkomodazzjoni

April-Ġunju




Nota: Minħabba l-pandemija ta' COVID-19, l-istħarriġ tat-Tourstat kien miżmum bejn it-12 ta' Marzu u t-30 ta' Ġunju 2020.

## Ċart nru 3a. L-infiq sħiħ, ras għal ras, mit-turisti li siefru 'l barra minn Malta

April-Ġunju




## Ċart nru 3b. L-infiq sħiħ, kull lejl, mit-turisti li siefru 'l barra minn Malta

April-Ġunju




Nota: Minħabba l-pandemija ta' COVID-19, l-istħarriġ tat-Tourstat kien miżmum bejn it-12 ta' Marzu u t-30 ta' Ġunju 2020.

## Ċart nru 4. L-infiq medju, ras għal ras, bid-destinazzjoni fejn ikunu marru t-turisti

April-Ġunju

